MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 767/2008/1

**Talba Numru: 767/08/GMA**

**Rudolph Borg Myatt**

**vs**

**STMicroelectronics (Malta) Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta’ Novembru 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal**,*

*Ra l-Avviz tal-attur li ddikjara li kien impjegat mal-kumpanija **ST Microelectronics** sa minn April 1988 u kien ta in-‘notice’ sabiex jittermina l-impjieg fil-11 ta’ Marzu 2008.*

*Huwa kien jokkupa l-kariga ta' 'engineer' fil-grad ta' 'Section Manager'.*

*Fil-grad li kien jokkupa l-attur kien intitolat ghal 'performance bonus li l-kumpanija taghti ghal 'performance' ta' sena xoghol u dan ai termini ta' klawsola 7.6.2 tad-dokument* ***"Benefits and Other Compensation."***

*Qabel ma telaq mill-impjieg l-attur issottometta l-evaluazzjoni tal-'performance' tieghu skont is-sistema preskritta mill-kumpanija u li tkopri s-sena 2007. Il-percentagg approvat kien ta' 77.55%.*

*Minkejja li dan il-percentagg, ossia rizultat, gie approvat u sottomess lill-kumpanija ghas-sena bazi 2007, il-konvenut baqghu ma hallsux l-ammont ta' elf disa' mija u tmienja u tletin (€1938) li huwa l-ammont tal-percentagg approvat mahdum fuq il-paga a bazi tal-attur skont l-istess 'policy' tal-kumpanija.*

*Ghaldaqstant, il-konvenuti huma mitluba jhallsu l-ammont ta' elf disa' mija u tmienja u tletin (€1938) lill-attur.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex taghti lill-attur is-somma minnu pretiza. It-talbiet tieghu ghandhom, ghalhekk, jigu michuda minn dan it-Tribunal. Bl-ispejjez kontra l-attur.*

*Ra x-xhieda tal-attur li kien impjegat mas-socjeta' konvenuta mis-sena 1988 sal-14 ta' Marzu 2008.*

*Mill-1 ta' Jannar kien jokkupa l-kariga ta' 'Section Manager' u kienet tigi adoperata s-sistema ta'* ***MBO****'s, fejn l-imghallem jaghti certi 'targets' li ghandhom jintlahqu tul is-sena u s-sistema tigi rrekordjata gewwa 'database' tal-kumpanija.*

*Fl-ahhar tas-sena, mbaghad is-sezzjoni tal-'human resourses' ighaddulhom lista sabiex jimlew it-'targets' li*

*jkunu lahqu u din tigi 'vetted' mad-'database' li tkun inzammet u b'hekk tinhadem il-'performance bonus.'*

*Il-'performance bonus' ghalhekk tinhadem fuq il-'basic salary' u mbaghad fuqha terga' tinhadem is-sistema tal-percentagg li wiehed ikun akkwista ghal dak li jirigwarda t-'targets'.*

*Jekk wiehed jilhaq l-100%, jinghata 10% fuq il-'basic salary' u dan apparti s-salarju. Jekk ma jintlahaqx l-100% bhala 'target', il-percentagg imbaghad jinhadem pro rata.*

*Jispjega li meta gie biex jitlaq fl-14 ta' Marzu, 2008, kien mela l-formoli biex jiehu l-'performance bonus', izda kien thallas biss il-pagi li kienu dovuti sa dak il-perjodu, u baqa' ma thallasx il-'performance bonus.'*

*Kien tkellem mas-Sur Camilleri Mercieca fuq dan il-'bonus', li kien infurmah li ma kienx ser jircevih.*

*Ighid li wasal biex jikkalkola l-ammont li qed jitlob billi qabad il-'basic salary', hadimha fuq 100% u wasal ghal ammont ta' 10% tal-'basic salary' u mbaghad ghamel it-tnaqqis pro rata.*

*L-attur ighid li kellu kuntratt mas-socjeta' konvenuta, fejn kien hemm stipulat dwar il-'performance bonus' li kellu jiehu.*

*Ighid li fit-12 ta' Mejju 2008 kien ircieva ittra minghand Dr. John Buttigieg fejn kien gie avzat li ma kienx ser jircievi l-'performance bonus' u li ma kienx intitolat ghaliex kien qed jithallas 'ex gratia.'*

*Ix-xhud jispjega wkoll li kien hemm xi impjegati ohra li kienu telqu u minkejja li dawn kienu nghataw promozzjoni mieghu, kienu nghataw il-'performance bonus.'*

*Ra x-xhieda ta' Patrick Camilleri Mercieca, li jokkupa l-kariga ta' 'HR manager u training manager' mas-socjeta' konvenuta.*

*Ighid kif xogholu kien relatat mal-MBO's li huwa dokument, tip ta' formula li jigi mqassam lill-impjegati fil-bidu tas-sena u dawn ghandhom jimlewha sal-ahhar tas-sena, meta mbaghad tingabar u ighaddu f'idejh fejn jigu analizzati sabiex jigi determinat jekk ikunux intlahqu l-objettivi u mbaghad il-paga taghhom tinhadem skont l-'iscore' taghhom.*

*Jikkonferma li fis-sena 2007 kien ghadda f'idejh l-MBO tal-attur u spjega li dan l-MBO jinghata ex gratia', cioe' jekk tinghatax jew le qieghda fil-volonta tal-'employer.'*

*Sabiex tigi analizzata l-MBO jehtieg xi tlett xhur zmien u peress li sakemm tlesta l-MBO tal-attur kien it-12 ta' Marzu 2008, u ma kienx baqa' jahdem mas-socjeta' konvenuta, kien iddecieda li ma jinghatax dan l-MBO.*

*Jispjega li huma jadottaw 'salary policy', fis-sens li l-MBO's jigu adottati bhala 'retention rule' u cioe' biex l-impjegat ikompli jigi nkoraggut sabiex jibqa' jahdem mas-socjeta'.*

*Hija prassi tas-socjeta', li meta impjegat ikun ser jittermina l-impjieg tieghu, l-MBO ma tithallasx u generalment javzaw l-impjegat godda verbalment b'dan. Huwa minnu wkoll pero', li jekk kemm-il darba t-'Top Management' tkun hadet decizjoni li tinghata s-'salary policy' u jekk sadanittant l-impjegat ikun ghadu ma telaqx tinghatalu l-MBO. Jekk pero' sakemm tasal id-decizjoni tat-'top management' l-impjegat ikun lahaq telaq ma jinghatax l-MBO. Anke jekk id-decizjoni li tithallas l-MBO tohrog fl-ahhar gurnata tan-'notice', xorta wahda tinghata lill-impjegat. Kien hemm impjegati li fil-fatt kienu taw in-'notice', pero' jkunu ghadhom ma telqux u tinghatalhom l-MBO.*

*Biex tinhadem l-MBO ma jistax ikun aktar minn 0% sa 10% tal-introjtu a bazi tal-impjegat ghas-sena in partikolari u sabiex jithallsu jehtieg konferma li l-impjegat ikun ghadu mpjegat mas-socjeta' konvenuta.*

*Ighid li fil-kaz tal-attur kien hemm 'notice' ta' tlett ijiem u ma nhadmitx kollha u ghalhekk kien hemm hlas ta' penali ukoll.*

*Ra x-xhieda ta' Tonio Portugese li jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' konvenuta, liema bord tad-diretturi kienet hadet decizjoni li jadottaw 'Management By Objectives' (MBO's) u dawn jikkonferma li jinghataw 'ex gratia' bl-iskop, biex kemm jista' jkun izommu l-impjegati maghhom.*

*Jikkonferma wkoll li kienu ghamluha cara li jekk kemm-il darba mpjegat ma jibqax jahdem maghhom, dan il-hlas 'ex gratia' ma jinghatax.*

*Ighid li fis-sena 2009, is-socjeta' ma kenitx ghamlet pagamenti 'ex gratia', ghaliex dan il-hlas kien diskrezzjonali u jekk finanzjarjament il-kumpanija ma tkunx sejra tajjeb, ghandha kull dritt li tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-'bonus.' Ma kienx jaf kif kienet il-qadgha finanzjarja tas-socjeta' fis-sena 2007, izda xorta kien jibqa' l-fatt, li jekk l-impjegat ikun ittermina l-impjieg tieghu, hu jitlef id-dritt li jithallas dan il-'performance bonus.'*

*Ix-xhud jispjega li d-dokument 'Stock Awards Process for Accounting and Disclosure' jipprezenta l-gwida tas-socjeta' konvenuta ta' meta taghti beneficcji lill-impjegati u mhux limitatament fejn hemm 'shares' u 'stocks.'*

*Ighid li mis-sena 2008 qatt ma nghataw 'performance bonus' kemm lil, dawk l-impjegati li telqu u dawk li baqghu hemmhekk.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra:*

*1. L-attur qed jitlob li jinghata l-hlas tal-MBO (Management by Objective) ghas-sena 2007, ghaliex is-sena ta' wara kien ittermina l-impjieg tieghu.*

*2. L-attur qed jibbaza t-talba tieghu ai termini tal-klawsola 7.6.2 tad-dokument 'Benefits and Other Compensation.'*

*Din il-klawsola tistipula illi:-*

*"All Section managers/Senior Engineering Specialists (jobs grades 14 to 16) are entitled to 7.6.2. An MBO ranging from 0% to 10% of basic salary depending on the annual results achieved."*

*3. Is-socjeta' konvenuta qed tinsisti li l-hlas ta' dan l-MBO kien wiehed 'ex gratia' u jekk jinghata jew le huwa fid-diskrezzjoni tas-socjeta' konvenuta. In generali, l-prassi li kienet tigi adottata, skont il-provi prodotti mis-socjeta' konvenuta, hija li jekk impjegat jiddeciedi li jitlaq l-impjieg u jaghti 'notice', u ma jkunx lahaq hareg il-hlas, konsegwentement ma jiehux l-MBO. L-iskop wara dawn l-MBO's huwa sabiex iservu bhala incentiv biex l-impjegati jibqghu mal-istess socjeta' konvenuta.*

*4. Ghas-sena 2007, l-attur, kif ukoll l-Manager tas-socjeta' konvenuta kienu firmaw l-VIP Form fejn irrizulta li l-percentagg tal-MBO kien ta' 77.5%.*

*5. Madanakollu, mill-provi prodotti mis-socjeta' konvenuta kienet ittiehdet decizjoni mit-'Top Management,' li ma jithallasx l-MBO u dan peress li sakemm inhareg dan l-MBO, l-attur kien ta' n-'notice' u kien lahaq ittermina l-impjieg tieghu.*

*6. Huwa minnu li s-socjeta' konvenuta tinsisti li l-attur messu esebixxa l-kuntratt li rrefera ghalih li sar bejn il-kontendenti. It-Tribunal, ma jaqbilx ma din it-tezi, tenut kont tal-fatt, li l-VIP Form per se jirrapprezenta ftehim u aktar minn hekk rikonoxximent da parti tas-socjeta' konvenuta li l-attur, tul is-sena 2007, kie lahaq il-miri tieghu u ghalhekk kien jisthoqqlu li jigi kkumpensat, tant hu hekk li l-percentagg ta' kumpens gie stabbilit fl-ammont ta' 77.5%.*

*Is-socjeta' konvenuta accettat li thallas l-attur u l-argument li peress li kien lahaq telaq mill-impjieg m'ghandux*

*ghalfejn jithallas, ma jreggix, ghaliex gialadarba, is-socjeta' konvenuta accettat li ghandhom jinhargu l-MBO's fil-konfront tal-attur, f'dak il-mument stess, sar ftehim bejniethom li ghandu jigi onorat. Is-socjeta' konvenuta ma producietx xi prova dokumentali biex tindika li dan il-pagament huwa dejjem fid-diskrezzjoni tas-socjeta' konvenuta, izda mill-'Guidelines' stess, l-interpretazzjoni li jasal ghaliha t-Tribunal huwa li fejn s-socjeta' konvenuta tista' tuza' d-diskrezzjoni taghha huwa ghal dak li jirrigwarda l-percentagg tal-MBO, li jibbaza ruhu fuq ir-rizultati milhuqha mill-attur.*

*Is-socjeta' konvenuta tispjega biss li fis-sena 2009 ma thallsu l-ebda MBO u dan minhabba l-problemi ekonomici, izda dan lanqas ma jreggi, ghaliex il-mertu tal-vertenza odjerna jirrigwarda l-perjodu 2007 u f'dik is-sena dawn kienu jithallsu.*

*7. Ghat-Tribunal, ma hemmx interpretazzjoni ohra. Li kieku kellu jaqbel mal-interpretazzjoni tas-socjeta' konvenuta, kienet issir ingustizzja ghall-attur, li ddecieda li jittermina l-impjieg tieghu skont il-ligi u ta' n-'notice' kif suppost. Kien l-ipprocessar da parti tas-socjeta' konvenuta li dam u li milli jidher generalment jiehu z-zmien u b'kumbinazzjoni lahaq ittermina l-impjieg tieghu l-attur. Dan bla ebda mod ghandu jwassal li l-posizzjoni tal-konvenut tigi ppregudikata, semplicement ghax ghazel li jitlaq, li wara kollox kellu kull dritt li jaghmel. Ftehim huwa ftehim u ghandu dejjem jigi rispettat! Li kieku t-Tribunal kellu jiddeciedi mod iehor ikun qed jiftah il-bieb biex f'kazijiet simili is-socjeta' konvenuta taghmel il-kalkoli taghha u tipposponi d-decizjoni ghal wara li l-impjegat ikun halla l-impieg biex imbaghad tghid li m'ghandux drit ghall-'bonus.'*

*8. Kwantu ghall-ammont ikkalkulat mill-attur m'hemmx provi li jinducu lit-Tribunal jahseb li dan l-ammont mhux dovut kif pretiz.*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-pagament*

*effettiv a karigu tas-socjeta' konvenuta.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' STMicroelectronics (Malta) Ltd (C 5338) datat 30 ta' Novembru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tas-17 ta' Frar 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Rudolph Borg Myatt datata 2 ta' Frar 2011 a fol 18 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` appellanti u Dr. Duncan Borg Myatt ghall-appellat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-appell, inkluz fuq dokument esebit mar-rikors tal-appell, li l-appellat talab l-isfilz tieghu. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, inkluz biex jigi deciz dan il-punt ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju odjern huwa fis-sens (a) il-bonus mertu tal-kawza odjerna huwa ndikat biss fid-dokument "Benefits and other compensation" klawsola numru 7.6.2 (fol. 26), liema dokument intern u konfidenzjali; (b) jekk kemm il-darba attrici hija bbazata fuq id-dokument intestat

"Employee VIP form", izda filwaqt li l-Measurment critirea huma ffirmati mill-attur u minn John Scerri, *engineer* tas-socjeta' appellanti, l-ahhar kolonna hija iffirmata biss mill-appellat, li ffirma allegatament fit-12 ta' Marzu 2008, meta l-impjieg tieghu kien spicca fil-11 ta' Marzu 2008 u dan ifisser li l-kumpanija ma ikkomettietx ruhha ghal dan il-pagament anke pero` jekk kien koncess li kien hemm approvazzjoni tar-rizultat, dan kien biss pagament *ex gratiae*, li l-kumpanija ma kienitx obbligata li taghti, u dan specjament ghaliex inghad li tali pagament kien jinghata lill-impjegati tal-kumpanija li baqghu jahdmu maghha kif jidher anke minn ittra tal-kumpanija datata 12 ta' Mejju 2008; (c) ma kien hemm ghalhekk ebda obbligazzjoni kontrattawali kif jidher mill-kuntratt tax-xoghol anness.

Illi fl-ewwel lok dwar il-kuntratti tax-xoghol li gew esebiti mal-appell odjern, ghalkemm il-Ligi taghti l-fakolta` li jigu esebiti atti mal-appell, gie diversi drabi ritenut li kemm il-darba dawn jimportaw provi godda, li setghu jingabu quddiem l-Ewwel Qorti, izda bla ebda spjegazzjoni ma ingabux, mela din il-Qorti, bhala Qorti tat-Tieni Istanza, ma ghandhiex tikkonsidrahaom u b'hekk qed tordna l-isfilz tal-istess dokumenti mmarkati bhala Dok. "ST 1" u Dok. "ST 2".

Illi dwar l-ewwel aggravju ma hemm l-ebda dubju mill-provi prodotti li fil-kariga tieghu ta' Section Manager huwa kien jinghata bhal persuni ohra fl-istess grad Performance Bonus u dan jinsab ikkonfermat mid-dokument "Benefits and Other Compensation" fejn fi klawsola 7.6 tal-istess jinghad li *"all section managers are entitled to......",* li attwalment jidher li gie segwit mis-socjeta' appellanti fir-rigward tal-impjegati kollha taghha skond il-grad hemm indikat u fih ma tirrizultax id-distinzjoni, lanqas b'mod intern, ghall-aggravju li qed tressaq l-istess socjeta' appellanti ghat-talba tal-appellat ghall-pagament odjern kif minnu vantat fl-Ewwel Istanza. Ghalhekk dan ifisser li fil-prattika inholqot relazzjoni legali u kuntrattwali bejn il-partijiet dwar il-hlas tal-istess bonus mid-data meta l-istess appellat assuma l-istess kariga, u din fil-fatt giet esegwita mis-socjeta' appellanti tul is-snin kollha li l-istess appellat dam fl-istess kariga, hlief fl-ahhar sena, li l-

impjegat hadem kollha, kollox kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, li huwa fuq kollox bl-ebda mod kontradett mis-socjeta’ appellanti. B’hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi ma` dan jizdied jinghad li l-istess socjeta’ appellanti kienet approvat dan il-Bonus ghas-sena mertu tal-kawza odjern permezz tal-Employee VIP Form li jidher li huwa ffirmat mill-John Scerri bhala Manager u mill-appellat kemm fil-20 ta’ Marzu 2007, u kif ukoll fit-12 ta’ Marzu 2008 (skond Dok. “Y” – fol. 28 l-appellat hadem sal-14 ta’ Marzu 2008), u l-istess dokument gie sottomess lis-socjeta’ appellata, u allura jidher li dan id-dokument kien iffirmat miz-zewg partijiet fil-kawza u allura kien disponibbli f’dak iz-zmien ghall-istess. Sinfikanti f’dan l-aspett huwa l-fatt li skond ix-xhieda ta’ Patrick Camilleri datata 25 ta’ Frar 2009, l-process kollu sabiex jinghata l-bonus ghas-sena 2007 kien finalizzat fit-12 ta’ Marzu 2007, u allura ghalhekk il-firma tal-appellat saret dak in-nhar fuq dokument provdut allura mill-kumpanija stess, u dan fih innifsu jfisser li tali bonus ma kien jinghata biss lil min jibqa’ flimkien mal-kumpanija ghaliex kieku l-ezercizzju fir-rigward tal-appellat ma kienx isir izda kien jieqaf u ma kienx jigi ghalhekk, sabiex tigi uzat l-kliem tal-istess xhud, finalizzat dan l-ezercizzju fil-konfront tal-appellat, li kien skond l-appellant spicca l-impjieg tieghu fil-11 ta’ Marzu 2008 ghalkemm Dok. “Y” esebit mill-kumpanija stess jghid mod iehor (fol. 28).

Illi jidher li s-socjeta’ appellanti b’xi mod wara t-talba tal-appellat riedet tbiddel din il-prassi tant li f’April 2007 (*“effective 2007”)* hareg memo intern effettiv appuntu minn April 2007 (Dok. “X” – fol. 56) fejn inghad li *“identify terminated employees timely and accurately and ensure that unvested and vested awards are forfeited, cancelled, accelarated in accordance with terms and conditions of the plan”.* Ovvjament din il-Qorti ghandha d-dubju taghha kemm dan id-dokument maghruf bhala “Corporate Human Resources Procedures Manual” jista’ jeffettwa drittijiet vestiti f’impjegati, izda certament li din ma taffettwax lill-appellat, ghaliex fil-kaz tieghu dan il-memo gie wara li huwa kien intitolat ghall-istess bonus u ghal sena li hadem kollu, u l-*performance bonus* tieghu, kien gie vverifikat u

skond is-socjeta’ appellanti stess iffinalizzat. L-istess dokument jidher ukoll li jirreferi ghal *“Stock awards for accounting and disclosures”* u allura fil-verita’ lanqas applikabbli ghall-kaz odjern. B’hekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu michuda wkoll.

Illi dwar in-nuqqas da parte tas-socjeta’ appellanti li tipprezenta nota ulterjuri fl-ewwel istanza, jirrizulta li ma kien hemm x’izomm lis-socjeta’ appellanti li titlob lit-Tribunal sabiex tigi esebita l-istess nota, tenut kont li n-nota responsiva tal-appellat saret fis-27 ta’ Awwissu 2010 (b’risposta ghan-nota tas-socjeta’ appellanti a fol. 69 tal-process) u d-decizjoni u inghatat fis-16 ta’ Novembru 2010, ghalkemm din it-talba mhux bilfors kellha tigi milqugha mit-Tribubal.

Illi b’hekk l-appell qed jigi michud ghaliex jirrizulta li l-attur appellat kellu d-dritt li jithallas tali bonus ghas-sena 2007 u dan kien dritt tieghu u mhux pagament *ex gratia.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appell tal-appellat datata 2 ta’ Frar 2011 biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti datat 30 ta’ Novembru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 16 ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet “Rudolph Borg Myatt vs ST Microelectronics Malta Ltd.” (Talba Nru. 767/08 GMA).**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ appellanti ST Microelectronics (Malta) Ltd.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------